


L-OMBUDSMAN
EWROPEW



IR-RAPPORT
ANNWALI 2003
ĠABRA FIL-QOSOR U STATISTIKA



MT

© L-Ombudsman Ewropew 2004

Id-drittijiet kollha huma miżmuma.

Hu permess li jkun hemm riproduzzjoni għal skopijiet edukattivi u mhux kummerċjali sakemm jingħata għarfien lis-sorsi.

DAĦLA

Ir-Rapport Annwali huwa l-aktar pubblikazzjoni importanti ta' l-Ombudsman Ewropew. Ir-Rapport jagħti rendikont lill-Parlament Ewropew u liċ-ċittadini Ewropej tax-xogħol li sar mill-Ombudsman matul is-sena. Ir-Rapport jagħti fid-dettall ir-riżultati li nkisbu għal dawk li ressqu l-ilmenti u, b'mod aktar ġenerali, għaċ-ċittadini u residenti ta' l-Unjoni Ewropea.

Ir-Rapport jenfasizza l-importanza tar-relazzjoni bejn l-Ombudsman u l-Parlament Ewropew. Meta jeżamina u jiddiskuti r-Rapport, il-Parlament ikun qed jevalwa u jifrex l-impatt tal-ħidma ta' l-Ombudsman. Min-naħa l-oħra, ir-Rapport jagħti aktar qawwa lill-Parlament biex jara li l-istituzzjonijiet u l-entitajiet ta' l-Unjoni jagħtu kont ta' għemilhom. Sa fejn għandhom x'jaqsmu dawn l-istituzzjonijiet u l-entitajiet infushom, ir-Rapport iservi bħala mezz siewi biex jirregolaw lilhom infushom meta jisħaq dwar l-oqsma fi ħdan l-amministrazzjoni fejn jista' jsir titjib.




Sabiex ir-Rapport Annwali jkun aktar aċċessibbli, din is-sena ddeċidejt li ninkludi Ġabra fil-Qosor u li nippubblikaha separatament biex titqassam fost ħafna nies. Il-Ġabra fil-Qosor toffri għażla mifruxa sew ta' każijiet li ġew ittrattati fl-2003 u tagħti l-punti prinċipali tar-relazzjonijiet ta' l-Ombudsman maċ-ċittadin, l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-komunità ta' l-ombudsmen fl-Ewropa u madwar id-dinja. L-istatistika dwar l-ilmenti li waslu, investigazzjonijiet mibdija, il-pariri li ngħataw u r-riżultati li nkisbu huma ppreżentati fil-qosor u bi stil ħafif biew wieħed jaqrah.

Flimkien max-xewqa tagħna li nagħmlu l-ħidma ta' l-Ombudsman aktar aċċessibbli hemm l-impenn tagħna li nagħmlu l-aħjar użu mill-fondi pubbliċi u li nħarsu l-ambjent. Nisperaw li permezz tal-produzzjoni ta' ġabra fil-qosor u meta naqqasna l-ammont ta' kemm nistampaw kopji tar-Rapport Annwali sħiħ, aħna mxejna fl-aħjar interess taċ-ċittadin. Ir-Rapport Annwali sħiħ se jibqa' jintbagħat lill-Membri tal-Parlament Ewropew, lill-istituzzjonijiet, entitajiet u aġenziji oħra Ewropej, lill-kollegi tiegħi ombudsmen u liċ-ċentri u taqsimiet ta' informazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Ġabra fil-Qosor se titqassam lil udjenza ferm aktar wiesa' fosthom organizzazzjonijiet mhux governattivi, għaqdiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet professjonali u universitajiet. B'dan il-mod ikunu qed nagħmlu użu aktar bil-għaqal tar-riżorsi.

Min jixtieq kopja tar-Rapport Annwali sħiħ f'xi waħda mill-20 lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni għandu jikkuntattja l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew, jew iniżżlu mill-website tiegħi:

<http://www.euro-ombudsman.eu.int/report/mt/default.htm>



P. Nikiforos Diamandouros



ĠABRA FIL-QOSOR

Id-disa' Rapport Annwali ta' l-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew jagħti tagħrif dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman fl-2003.

Dan huwa l-ewwel Rapport Annwali li qed jiġi ppreżentat minn P. Nikiforos Diamandouros, li l-Parlament Ewropew eleġġa bħala Ombudsman Ewropew fil-15 ta' Jannar 2003 wara li l-ewwel Ombudsman Ewropew, Jacob Söderman, kien ħabbar id-deċiżjoni tiegħu li jirtira. Is-Sur Diamandouros ħa f'idejh it-tmexxija fl-1 ta' April 2003, u għalhekk dan ir-rapport ikopri x-xogħol tas-Sur Söderman mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu u x-xogħol tas-Sur Diamandouros mill-1 ta' April sa l-aħħar ta' l-2003.

L-ISTRUTTURA TAR-RAPPORT

Ir-rapport jikkonsisti f'sitt kapitli u ħames annessi. Kapitlu 1 huwa introduzzjoni personali mill-Ombudsman fejn hu jsellem u jfaħħar ix-xogħol li sar minn dak li kien hemm qablu, iħares lura lejn l-attivitajiet li saru u s-suċċessi l-aktar importanti li saru matul is-sena u jfisser x'inhuma l-għanijiet tiegħu.

Kapitlu 2 jiddeskrivi l-proċeduri ta' l-Ombudsman biex janalizza u jistħarreġ l-ilmenti u jagħti ħarsa ġenerali lejn l-ilmenti li kienu mistħarrġa fl-2003.

Kapitlu 3, l-itwal parti tar-rapport, fih għażla ta' deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman wara l-istħarriġ li hu jkun għamel. Fil-kapitlu hemm l-aktar deċiżjonijiet dwar l-ilmenti, imqassmin l-ewwel skond dak li nstab jew dak li rriżulta mill-istħarriġ u mbagħad imqassmin skond l-istituzzjoni jew il-korp konċernat. Deċiżjonijiet wara stħarriġ fuq inizjattiva personali u mistoqsijiet mill-ombudsmen ta' l-Istati Membri huma kkunsidrati għal rashom.

Kapitlu 4 jikkonċerna r-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll is-sehem li ħa l-Ombudsman bħala Osservatur fil-Konvenzjoni dwar il-futur ta' l-Ewropa.

Kapitlu 5 jikkonċerna dwar ir-relazzjonijiet li kellu l-Ombudsman Ewropew mal-komunità ta' ombudsmen nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Ewropa, kemm fl-Istati Membri tal-lum kif ukoll dawk tal-ġejjieni.

Kapitlu 6 jikkonċerna dwar attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' informazzjoni u komunikazzjoni. Il-kapitlu jikkonċerna f'ħames sezzjonijiet, li jkopru l-avvenimenti l-iktar importanti tas-sena, il-konferenzi u l-laqgħat fl-Istati Membri tal-lum u dawk tal-ġejjieni, avvenimenti oħra bħalma huma taħdidiet lill-gruppi ta' viżitaturi, relazzjonijiet mal-*media* u komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi.

Anness A fih statistika fuq ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew fl-2003. Annessi B u Ċ jagħtu dettalji fuq il-*budget* ta' l-Ombudsman u fuq l-*istaff* tiegħu rispettivament. Anness D jiġbor id-deċiżjonijiet li jidhru f'kapitlu 3 skond in-numru tal-każ, skond is-suġġett li fuqu hu mibni l-każ u skond it-tip ta' amministrazzjoni ħażina li tkun saret allegazzjoni fuqha. F'Anness E hemm tagħrif dwar il-proċess kif ġie elett l-Ombudsman.



TAGĦRIF FIL-QOSOR

Il-missjoni ta' l-Ombudsman Ewropew

L-uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew twaqqaf bis-saħħa tat-Trattat ta' Maastricht bħala parti mill-ħidma favur ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea. L-Ombudsman jinvestiga ilmenti fuq amministrazzjoni ħażina fl-attivitàjiet ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti ta' l-Ewwel Istanza fil-kompetenza ġudizzjarja tagħhom. Bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, l-Ombudsman iddefinixxa "amministrazzjoni ħażina" b'mod li tinkludi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għad-dritt tal-liġi u għall-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

Minbarra li jwieġeb għall-ilmenti li jsiru minn individwi, kumpaniji u assoċjazzjonijiet, l-Ombudsman iwettaq sħarriġ fuq inizjattiva tiegħu stess u jaħdem biex iwassal il-poter f'idejn iċ-ċittadini billi jgħarrafhom dwar id-drittijiet tagħhom u dwar kif għandhom jeżerċitaw dawn id-drittijiet tagħhom.

Ilmenti u sħarriġ fl-2003

In-numru totali ta' ilmenti li waslu fl-2003 kien ta' 2 436, żieda ta' 10% meta mqabbel mas-sena ta' qabel, u dan seħħ parzjalment minħabba l-impenn qawwi li sar biex iċ-ċittadini jsiru jafu dwar id-drittijiet tagħhom. Kważi nofs il-menti intbagħtu lill-Ombudsman b'mod elettroniku, jew permezz ta' *e-mail* jew billi ntużat il-formola għall-ilmenti li tidher fuq il-*website* ta' l-Ombudsman.

F'madwar 70% tal-każijiet, l-Ombudsman seta' jgħin lil min kien qed jagħmel l-ilment billi beda jistħarreġ il-każ, għaddih lill-korp kompetenti, jew ta parir dwar fejn wieħed kellu jdur għal soluzzjoni effettiva u f'waqtha għall-problema.

B'kollox infetħu 253 inkjesti ġodda matul is-sena. L-Ombudsman ħa ħsieb ukoll numru kbir ta' talbiet għall-informazzjoni, li minnhom 2 538 intbagħtu permezz ta' *e-mail*.

Ir-riżultati ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman

L-Ombudsman ħa deċiżjonijiet li bihom ingħalqu 180 każ wara li sar l-istħarriġ li kien meħtieġ. Kapitlu 3 tar-Rapport Annwali fih għażla ta' dawn id-deċiżjonijiet, li juru l-varjetà ta' sħarriġ li sar kemm f'dak li hu suġġett, tip ta' riżultat u istituzzjonijiet u korpi konċernati. Għal raġunijiet prattiċi, deċiżjonijiet qed jidhru f'dan ir-rapport biss jekk għandhom xi tagħrif ġdid fuq punti ta' liġi, materjal ġdid li għandu x'jaqsam mal-kompetenza jew proċeduri ta' l-Ombudsman, jew tagħrif ġdid fuq fatti li huma ta' importanza jew ta' interess ġenerali. Id-deċiżjonijiet kollha ta' l-Ombudsman, ħlief għal xi ftit każijiet kunfidenzjali fejn l-identità ma setgħetx tinħeba b'mod xieraq, huma ppublikati fuq il-*website* ta' l-Ombudsman (<http://www.euro-ombudsman.eu.int>) fil-lingwa ta' min ressaq l-ilment jew bl-Ingliż.

Ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina

F'87 każ, l-inkjesta ta' l-Ombudsman sabet li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina. Dan ir-riżultat mhux dejjem huwa xi ħaġa negattiva għal min ikun ressaq l-ilment, li għall-inqas ikollu l-benefiċċju ta' spjega sħiħa dwar l-azzjonijiet li jkun tteħdu mill-istituzzjoni jew korp konċernat. Per eżempju:

- Wieħed li għamel ilment u staqsa lill-Kunsill biex ikun jista' jara d-dokumenti tal-Konvenzjoni Ewropea aċċetta l-ispejja li ngħatatlu mill-Kunsill li ma kellux id-dokumenti mitluba. Min ressaq l-ilment sabha utli wkoll li l-Kunsill iċċara r-relazzjoni istituzzjonali mal-Konvenzjoni. Barra minn hekk, l-ilment wassal biex l-aġenda u l-minuti tal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea jibdwu jiġu ppublikati fuq il-*website* tal-Konvenzjoni sewwa sew wara li spiċċat ix-xogħol tagħha (1795/2002/IJH).
- Il-Qorti tal-Verifika għarfet li t-talba għad-dokumenti ta' dak li għamel l-ilment ma tmexxietx skond ir-regoli tagħha dwar aċċess għal dokumenti. Il-Qorti intrabtet li tistieden lil min kien qed jagħmel l-ilment biex jagħti indikazzjoni dettaljata tat-tagħrif li kien jeħtieġ biex tkun tista' teżamina t-talba tiegħu skond ir-regoli tagħha (1117/2003GG).



- Wiehied li ressaq ilment ġibed l-attenzjoni ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għall-irregolaritajiet li allegatament saru fi proġett li kien iffinanzjat mill-UE. L-OLAF investiga l-każ iżda ma rrapportax ir-riżultat ta' dan l-istħarriġ lil min kien għamel l-ilment li mbagħad mar jilmenta għand l-Ombudsman. L-OLAF informa lil min kien għamel l-ilment bir-riżultati ta' l-investigazzjoni meta l-Ombudsman kien għaddej bl-istħarriġ tiegħu (1625/2002/IJH).

Każijiet li ġew solvuti mill-istituzzjoni

Fi 48 każ, bis-saħħa ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman ġara li l-istituzzjoni jew korp konċernat solva l-każ u min kien għamel l-ilment ingħata sodisfazzjon sħiħ. Per eżempju:

- Wara ilment lill-Ombudsman li kien sar f'isem l-Università ta' Stockholm, il-Kummissjoni għamlet l-aħħar pagament li kien għad jonqos fuq proġett ta' riċerka, talbet skuża għad-dewmien biex għamlet dan il-ħlas u qablet li tħallas l-interessi. Il-Kummissjoni assigurat ukoll lill-Ombudsman li l-proċeduri finanzjarji li kienu ġabu dan id-dewmien issa kienu qed jiġihaddmu b'mod sodisfaċenti (1173/2003/(TN)IJH).
- Sotto-kuntrattur tħallas għas-servizzi tiegħu wara li l-Ombudsman daħal fil-każ. Il-Kummissjoni fissret li ma setgħetx tħallas lill-kuntrattur prinċipali nvolut fil-proġett minħabba problemi li kienu nqalgħu dwar ir-rapport finali li kien issottometta. Meta l-kuntrattur prinċipali ressaq ir-rapport finali wara li sewwa l-iżbalji, il-Kummissjoni għamlet l-aħħar pagament. Il-kuntrattur prinċipali mbagħad ħallas lis-sotto-kuntrattur, li rringrazzja lill-Ombudsman għall-għajnuna tiegħu (1960/2002/JMA).

Soluzzjonijiet ta' ħbiberija

Waħda mill-affarijiet li tiddistingwi ombudsman mill-qorti hija l-possibbiltà ta' medjazzjoni, li tista' twassal għal konklużjoni pożittiva li tissodisfa ż-żewġ partijiet. Meta l-Ombudsman Ewropew isib każ ta' amministrazzjoni ħażina, huwa jfittex li jsib soluzzjoni ta' ħbiberija, jekk din tkun possibbli. Dan jista' jinvolvi li jitressaq suġġeriment biex l-istituzzjoni konċernata toffri kumpens lil min ikun għamel l-ilment, mingħajr ma jkollha għalfejn tammetti r-responsabbiltà jew mingħajr ma toħloq preċedent.

Wagt li kien hemm seba' proposti għal soluzzjoni ta' ħbiberija li kienu għadhom qed jiġu kkunsidrati fl-aħħar ta' l-2003, matul is-sena kien hemm erba' każijiet fejn intlaħqu soluzzjonijiet ta' din ix-xorta. Dawn kienu jinkludu:

- Każ fejn il-Kummissjoni qablet li tħallas kumpens żejjed ex gratia lil min għamel l-ilment minħabba n-natura eċċezzjonali tal-każ, għalkemm il-Kummissjoni dehrilha li ma kellha l-ebda obbligu legali biex tagħmel dan. Min ressaq l-ilment kienet taħdem ma' l-istituzzjoni u allegat li l-Kummissjoni naqset li tħallasha l-ammont sħiħ ta' l-allowance segretarjali li kien ħaqqha tiegħu (1166/2002/(SM)IJH).
- Każ fejn il-Kummissjoni qablet li tirrevedi d-deċiżjoni tagħha li tfittex li tiegħu lura aktar minn € 37 000 minn għotja li tat lil assoċjazzjoni Ġermaniża. Il-Kummissjoni wriet ix-xewqa tagħha, fil-kuntest ta' arranġament finali barra l-qorti, li tirtira t-talba tagħha jekk u sakemm seta' jintwera li l-fondi kienu ġew użati fl-interess sħiħ ta' daww li kienu l-aħħar li ggwadanjaw mill-proġett. L-assoċjazzjoni sostniet il-fehma tagħha li ma kien sar ebda ksur tal-kuntratt min-naħa tagħha, imma dehrilha li kienet instabet soluzzjoni ta' ħbiberija dwar l-ilment tagħha (0548/2002/GG).

Rimarki kritiċi

Meta soluzzjoni ta' ħbiberija ma tkunx possibbli, l-Ombudsman jista' jagħlaq il-każ b'rimarka kritika jew jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni. Rimarka kritika ssir jekk jidher li l-każ ta' amministrazzjoni ħażina ma kellu ebda implikazzjonijiet ġenerali, ma jkunx aktar possibbli li l-istituzzjoni konċernata twarrbu għal kollox, u ma tkunx tidher il-ħtieġa li l-Ombudsman ikompli jiegħu xi azzjoni oħra. Saru għoxrin rimarka kritika ta' din ix-xorta matul is-sena. Per eżempju:

- L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ippubblika stqarrija għall-istampa li fiha kien hemm allegazzjonijiet ta' korruzzjoni li setgħu jiftiehm u kienu diretti kontra ġurnalista partikolari. Il-ġurnalista ressaq ilment ma' l-Ombudsman, li kien tal-fehma li l-OLAF kien aġixxa b'mod sproporzjonat, minħabba li ma kien hemm ebda bażi fattwali għal dawn l-allegazzjonijiet



li setgħet tasal għand il-pubbliku. L-Ombudsman fl-aħħar deherlu li rimarka kritika setgħet tkun biżżejjed għal min kien għamel l-ilment (1840/2002/GG).

- Persuna li kellha kuntratt mal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f' Sarajevo li kien twaqqaf minħabba allegazzjoni ta' kondotta ħażina, ressqet il-każ tagħha quddiem l-Ombudsman. L-Ombudsman kien tal-fehma li kienet ir-responsabbiltà tal-Kunsill li jiżgura li l-azzjonijiet tal-Missjoni jirrispettaw id-dritt tal-liġi u d-drittijiet fundamentali. Dritt fundamentali ta' min għamel l-ilment inkiser minħabba li din il-persuna ma ngħatatx l-opportunità li tesprimi l-fehmiet tagħha dwar il-fatti li suppost kienu seħħew f'dan il-każ. Peress li l-kuntratt twaqqaf aktar minn sena qabel, ma kienx hemm lok li l-Ombudsman joħroġ b'soluzzjoni ta' ħbiberija u għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka kritika (1200/2003/OV).
- L-Ombudsman ikkritika lill-Parlament Ewropew talli ma qagħadx ma' l-obbligu li għandhom jintużaw manjieri tajbin fir-relazzjonijiet mal-pubbliku. Din il-kritika saret dwar *e-mail* li ntbagħtet bħala risposta għal mistoqsijiet li saru dwar sejħa għal offerti. Min għamel l-ilment allega li t-ton ta' l-*e-mail* ma kienx f'postu u ta l-impressjoni ta' aġir arroganti (1565/2002/GG).

Abbozz ta' rakkomandazzjonijiet

F'każijiet fejn l-amministrazzjoni ħażina hija partikolarment serja, jew għandha implikazzjonijiet ġenerali, jew jekk għadu possibbli għall-istituzzjoni konċernata li twarrab l-amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni. L-istituzzjoni jew korp konċernat irid iwieġeb lill-Ombudsman b'opinjoni dettaljata fi żmien tliet xhur.

Saru disa' abbozzi ġodda ta' rakkomandazzjonijiet matul l-2003. Filwaqt li sa l-aħħar tas-sena kien għadu mhux magħruf ir-riżultat ta' erbgħa minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-istituzzjonijiet konċernati aċċettaw tlieta, kif ukoll tnejn oħra li kienu saru fl-2002. Per eżempju:

- Sinjura li ressqet ilment kienet weħlet minn eżami bil-miktub f'kompetizzjoni organizzata mill-Kunsill. Meta l-Kunsill ma riedx li jħalliha tara l-karta ta' l-eżami tagħha bil-marki li kienet gābet, din is-sinjura daret fuq l-Ombudsman. Wara li għamel l-istħarriġ, l-Ombudsman għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni favur li din il-mara jkollha aċċess għal dawn il-karti, ħaġa li ġiet aċċettata mill-Kunsill. Dan gāb li l-Kunsill kien qed jimxi fuq l-istess linja tal-Kummissjoni u tal-Parlament li fl-1999 u fl-2000 kienu qablu rispettivament li l-kandidati jkunu jistgħu jaraw il-karti ta' l-eżamijiet tagħhom bil-marki li jkunu ngħataw (2097/2002/GG).

Stħarriġ fuq inizjattiva personali

Ingħalqu żewġ każijiet ta' stħarriġ fuq inizjattiva personali b'riżultati pożittivi matul is-sena:

- L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla ta' l-Impjegati dawwar id-deċiżjoni li kien ħa li jħalli ċittadin Ċiprijott barra minn kompetizzjoni ta' reklutaġġ wara li kien hemm ilment fuq diffikultajiet tekniċi bis-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni ta' l-Uffiċċju. L-Ombudsman fetaħ l-istħarriġ tiegħu fuq dan il-każ fuq inizjattiva tiegħu stess għax min għamel l-ilment la kien ċittadin u lanqas residenti fl-Unjoni (OI/4/2003/ADB).
- Il-Kummissjoni qablet li timxi fuq proċedura ġdida biex min ikun xeħet offerta wara sejħa għall-offerti iżda ma jirnexxilux jirbaħ, jiġi mgħarraf malajr bir-riżultat tas-sejħa waqt li fl-istess ħin jitħalla żmien biżżejjed sakemm jiġi ffirmat il-kuntratt. B'hekk jingħata żmien lil min ikun ħa sehem fis-sejħa għall-offerti biex jistaqsi għar-raġunijiet li fuqhom tkun ittieħdet id-deċiżjoni dwar min rebaħ u jkun jista' joħodha kontra din id-deċiżjoni b'mezzi legali. Tagħrif fil-qosor dwar din il-proċedura ġdida deher f'Komunikazzjoni mill-Kummissjoni fit-3 ta' Lulju 2003. L-Ombudsman deherlu li l-proċedura l-ġdida għandha timxi fuq każijiet li ġa ġew deċiżi mill-Qorti tal-Ġustizzja u kien tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tinforma b'mod sistematiku lil kull min jitfa' offerta iżda ma jirbaħx li għandu dritt joġġezzjona għad-deċiżjoni ta' min ikun rebaħ l-offerta (OI/2/2002/IJH).

Fl-2003 saru ħames investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali, u minn dawn, erbgħa kienu għadhom miftuħa fl-aħħar tas-sena. Tnejn huma bbażati fuq ilmenti li taw lil wieħed x'jifhem li kien hemm il-possibbiltà ta' problema sistematika. L-ewwel waħda hi dwar il-proċeduri interni li jistgħu jintużaw minn esperti nazzjonali li jkunu sekondati mal-Kummissjoni biex iħollu kwistjonijiet li jinqalgħu.



L-oħra tikkonċerna l-attività tal-Kummissjoni biex tmexxi 'l quddiem amministrazzjoni tajba ta' l-Iskejjel Ewropej.

It-tielet investigazzjoni fuq inizjattiva personali dwar dik li tista' tkun problema ġenerali għandha x'taqsam ma' l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità, l-aktar f'dak li għandu x'jaqşam ma' miżuri imwettqa mill-Kummissjoni biex jiżguraw li ma ssirx diskriminazzjoni ma' persuni b'diżabilità fir-relazzjonijiet li jkollhom ma' l-istituzzjoni.

Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u korpi oħra ta' l-Unjoni Ewropea

Sabiex jgħin li jintlaħqu riżultati pożittivi, l-Ombudsman bena relazzjonijiet ta' ħidma kostruttiva ma' l-istituzzjonijiet u mal-korpi ta' l-UE. Fl-2003, l-Ombudsman iltaqa' ma' membri u uffiċjali ta' tmien istituzzjonijiet, fosthom il-Presidenti tal-Parlament, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Bank ta' Investiment Ewropew u tal-Qorti tal-Verifika, il-Kulleġġ tal-Kummissarji u d-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni. Matul dawn il-laqgħat, l-Ombudsman saħaq li r-rwol tiegħu jinkludi l-medjazzjoni u li soluzzjonijiet ta' ħbiberija huma riżultat pożittiv kemm għal min jagħmel l-ilment kif ukoll għall-istituzzjoni jew korp konċernat.

Il-kooperazzjoni attiva ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi hija wkoll essenzjali sabiex jiġi żgurat li kull min jista' jkollu xi raġuni biex iressaq ilment quddiem l-Ombudsman jasallu tagħrif fuq id-dritt tiegħu li jagħmel dan u fuq kif jista' jeżerċita dan id-dritt. Il-Kummissjoni wiegħbet b'mod pożittiv għas-suġġeriment ta' l-Ombudsman li twassal dan it-tagħrif sew lil min japplika kif ukoll lil min jibbenefika minn għotjiet u sussidji, u dan jibda jseħħ minn dawk li kienu koperti minn Komunikazzjoni reċenti.¹

L-Ombudsman għandu relazzjoni ta' ħidma mill-qrib u effettiva mal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, li tkopri l-proċess ta' trasferiment reċiproku ta' każijiet meta dan ikun jista' jsir. L-Ombudsman ta' sikwit jagħti pariri lil min jagħmel l-ilmenti fuq il-possibbiltà li jressaq petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew, speċjalment jekk min jagħmel l-ilment ikun irid bidla fil-liġi jew politika Ewropea.

L-Ombudsman ħa sehem bis-sħiħ fil-Konvenzjoni dwar il-Futur ta' l-Ewropa biex jiżgura li d-drittijiet taċ-ċittadini jingħataw post ċentrali fl-Abbozz tat-Trattat li jwaqqaf il-Kostituzzjoni għall-Ewropa. Matul il-kariga tiegħu, is-Sur Söderman ressaq 'l quddiem b'suċċess l-argument biex iċ-Charter tad-Drittijiet Fondamentali tidħol fl-Abbozz tat-Trattat Kostituzzjonali u kemm hu kif ukoll is-Sur Diamandouros mexxew 'l quddiem il-fehma li għandu jkun hemm għarfien ċar tar-rwol ta' l-ombudsmen u ta' rimedji oħra mhux ġudizzjarji. Għalkemm dan l-aħħar għan ma ntlaħaqx matul l-2003, l-Ombudsman se jkompli jqisu bħala suġġett ta' prijetà qawwija u se jibqa' jippersisti bl-isforzi tiegħu biex jidħol fid-dokument finali tal-Kostituzzjoni.

Kooperazzjoni ma' l-ombudsmen madwar l-Ewropa

L-Ombudsman Ewropew jikkoopera permezz ta' sistema estensiva ta' kuntatti bejn ombudsmen u korpi simili fl-Ewropa. Din is-sistema issa tkopri 90 uffiċċju fi 30 pajjiż u tinkludi uffiċċji fuq livelli nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea u fuq livell nazzjonali fil-pajjiżi applikanti għal sħubija fl-UE, in-Norveġja u l-Islanda.

Il-kooperazzjoni permezz ta' din is-sistema ta' kuntatti tkopri kemm il-mod kif jiġu ttrattati l-ilmenti kif ukoll il-mod kif jitwassal it-tagħrif liċ-ċittadini. Ħafna minn dawk li jagħmlu l-ilmenti jdur fuq l-Ombudsman Ewropew meta jkollhom problemi ma' amministrazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali. Għalkemm dawn l-ilmenti huma barra mill-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew, f'ħafna każijiet ombudsman fl-istat konċernat jista' jipprovdi rimedju effettiv. L-Ombudsman Ewropew jitransferixxi każijiet direttament lill-ombudsmen nazzjonali u reġjonali, meta dan ikun possibli, jew jagħti parir xieraq lil min ikun ressaq l-ilment. L-Ombudsmen li qegħdin f'din is-sistema jinsabu

¹ Komunikazzjoni dwar proposta fuq atti bażiċi għal għotjiet li bħalissa jinsabu koperti mill-awtonomija amministrattiva tal-Kummissjoni jew prerogattivi istituzzjonali (COM(2003)274 final).



f'pożizzjoni tajba biex jgħinu sabiex jinfurmaw liċ-ċittadini fuq id-drittijiet tagħhom taħt il-liġi Ewropea u fuq kif għandhom jeżerċitaw u jiddefendu d-drittijiet tagħhom.

Fl-2003, il-kooperazzjoni ssaħħet b'laqgħat ta' l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali mill-iStati Membri u ta' l-ombudsmen nazzjonali mill-pajjiżi kandidati. Ir-raba' *seminar* ta' l-Ombudsmen Nazzjonali u Korpi Simili fl-iStati Membri tal-UE fuq it-tema "L-Ombudsmen u l-Protezzjoni tad-Drittijiet fl-Unjoni Ewropea" ġie organizzat mill-Ombudsmen Ewropew flimkien ma' l-Ombudsman Grieg f'Ateni, f'April. Il-Parlament Ewropew kien rappreżentat mill-President tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet, is-Sur Vitaliano Gemelli. Ir-raba' laqgħa ta' l-Ombudsmen Reġjonali ta' l-UE u korpi simili, fejn l-uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew kien rappreżentat, saret f'Valencia f'April taħt il-patroċinju tas-Sindic de Greuges de Valencia (l-ombudsman reġjonali). Fost is-suġġetti li ġew diskussi kien hemm il-futur ta' l-Ewropa, l-immigrazzjoni u l-ħarsien tar-refuġjati u l-ħarsien ta' l-ambjent. F'Mejju, l-Ombudsman Ewropew ingħaqad ma' l-ombudsmen nazzjonali mill-pajjiżi applikanti li attendew konferenza organizzata mill-Ombudsman tal-Polonja, Andrzej Zoll, f'Varsavja. Din il-laqgħa kienet dwar "L-Ombudsman u l-Liġi ta' l-Unjoni Ewropea".

Is-sistema ta' kuntatti li bena l-Ombudsman Ewropew tinkludi wkoll għadd ta' *liaison officers* li huma uffiċjali nominati minn kull uffiċċju nazzjonali ta' l-ombudsman li jservu bħala l-ewwel mezz ta' kuntatt ma' uffiċjali oħra f'din is-sistema. F'Diċembru 2003, dawn il-*Liaison Officers* iltaqgħu flimkien fi Strasbourg biex jiddiskutu dwar it-tema "Informazzjoni Ewropea, pariri u ġustizzja għal kulħadd". Din kienet l-ewwel laqgħa li qatt saret li kienet tinkludi l-*Liaison Officers* mill-għaxar pajjiżi li se jn jissieħbu fl-Unjoni fl-2004.

Bejn il-laqgħat, is-sistema taħdem permezz ta' tliet inizjattivi ta' komunikazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew: dawn huma l-European Ombudsmen – *Newsletter*, pubblikazzjoni li toħroġ darbtejn f'sena flimkien mar-Reġjun Ewropew ta' l-International Ombudsman Institute; l-Ombudsman Daily News, servizz elettroniku ta' aħbarijiet li joħroġ mill-Ombudsman Ewropew u Summit interattiv fuq l-Internet.

Sabiex jintlaħqu ċ-ċittadini

Parti mill-aktar importanti mix-xogħol ta' l-Ombudsman huwa li jfittex li jersaq lejn iċ-ċittadini biex jinfurmawhom fuq id-drittijiet tagħhom, li jinkludu d-dritt li jressqu ilmenti quddiem l-Ombudsman Ewropew. Fl-aħħar ta' Mejjun 2003, l-Ombudsman ħabbar li kellu l-ħsieb li jżur l-għaxar pajjiżi li se jissieħbu fl-Unjoni Ewropea qabel l-1 ta' Mejjun 2004, id-data tat-tkabbir, u kemm jista' jkun mill-iStati Membri. Sa l-aħħar tal-2003, l-Ombudsman kien żar 11 mill-iStati Membri eżistenti u ħamsa mill-iStati Membri futuri, iltaqa' ma' uffiċjali għolja u ppreżenta x-xogħol tiegħu lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi, kmamar tal-kummerċ, studenti universitarji, ġurnalisti u ċittadini oħra li għandhom interess f'dan is-suġġett. Bis-saħħa tal-kooperazzjoni mill-uffiċċji ta' ombudsmen nazzjonali kif ukoll mir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea, dawn iż-żjarat kienu suċċess.

Fl-2003 l-Ombudsman u l-*istaff* tiegħu ndirizzaw ukoll total ta' 80 konferenza, laqgħat u gruppi madwar l-Unjoni kollha, wara li laqgħu stedinet minn uffiċċji reġjonali, gruppi li għandhom interess f'dawn l-oqsma, istituti Ewropej, universitajiet u għaqdiet mhux governattivi. Dawn il-laqgħat swew biex ix-xogħol ta' l-Ombudsman jiġi ppreżentat sew lil min fil-ġejjieni jista' jagħmel ilment kif ukoll lil ċittadini nteressati f'dawn is-suġġetti.

Matul is-sena tqassam ħafna materjal li jagħti tagħrif fuq ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew, b'mod partikolari matul il-ġranet f'Mejju organizzati mill-Parlament Ewropew meta jkun miftuħ għall-pubbliku. Fl-istess ħin l-informazzjoni saret ukoll aċċessibbli minn fuq il-*website* ta' l-Ombudsman, fejn deċiżjonijiet, stqarrijiet uffiċjali, statistika u dettalji fuq l-attivitajiet ta' komunikazzjoni ta' l-Ombudsman deheru fuq bażi regolari.

L-Ombudsman kompli jwessa' relazzjonijiet kostruttivi ta' ħidma mal-*media*, fejn inżammu sitt laqgħat għall-istampa u saru tmien konferenzi stampa biex l-Ombudsman ikun jista' jispjega u jfiehmed dwar ix-xogħol tiegħu. Total ta' 45 ġurnalist intervistaw lill-Ombudsman fi Strasbourg u fi Brussell kif ukoll waqt iż-żjarat uffiċċjali fl-iStati Membri u fil-pajjiżi li se jissieħbu. Inħarġu stqarrijiet



uffiċċjali, b'medja ta' stqarrija darba kull sebat ijiem ta' xogħol, bil-għan li tinxteħet l-attenzjoni fuq id-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni li hu jwettaq. Talbiet mill-ġurnalisti għal informazzjoni fuq ix-xogħol ta' l-Ombudsman twieġbu malajr matul is-sena.

Żviluppi interni

Matul is-sena, l-Ombudsman għamel preparazzjonijiet intensivi għat-tkabbir, biex ikun jista' jaqdi sew liċ-ċittadini tal-25 Stat Membru f'21 lingwa tat-Trattat sa mill-1 ta' Mejju 2004.

Il-*budget* li jkopri bosta snin li ġie adottat fl-2002 jantiċipa li bejn l-2003 u l-2005 ser jiżdiedu għadd ta' postijiet ġodda li għandhom x'jaqsmu mat-tkabbir. In-numru ta' karigi fl-organizzazzjoni ta' l-Ombudsman kiber minn 27 fl-2002 għal 31 fl-2003 waqt li l-*budget* tal-2004 li ġie aċċettat mill-awtoritajiet finanzjarji f'Diċembru 2003 ħaseb għal żieda sa 38 post.


Matul is-sena beda jsir analiżi ta' l-istruttura ta' l-uffiċċju u tat-tqassim tar-riżorsi umani. l-Ombudsman beda wkoll itejjeb b'mod qawwi l-infrastruttura tat-teknoloġija ta' l-informatika u d-*database* ta' l-ilmenti. Dawn l-inizjattivi tniedew bil-għan li jgħinu lill-uffiċċju li jkun lest għaż-żieda li hija mistennija fl-għadd ta' ilmenti u biex titjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizz liċ-ċittadini.



STATISTIKA DWAR IL-ĦIDMA TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW FL-2003

1 KAŻIJET LI ĠEW IKKUNSIDRATI MATUL I-2003

1.1 L-AMMONT TOTALI TA' KAŻIJET FL-2003.....	2611
– ilmenti u talbiet mhux magħluqa fil-31.12.2002	170 ¹
– ilmenti li waslu fl-2003	2436
– inizjattivi meħuda mill-Ombudsman Ewropew	5



Żieda fl-ilmenti 1996 – 2003


¹ Li fosthom kien hemm inizjattiva waħda mill-Ombudsman Ewropew innifsu u 109 ilment.




1.2 EŻAMI TA' AMMISSIBILITÀ / INAMMISSIBILITÀ LI TWASSLU SA TMIEMHOM..... 95%

1.3 KLASSIFIKA TA' I-ILMENTI

1.3.1 Skond it-tip ta' azzjoni li ttieħdet mill-Ombudsman Ewropew għall-benefiċċju ta' dawk li ressqu l-ilment




1.3.2 Skond il-Mandat ta' l-Ombudsman Ewropew






BARRA I-MANDAT




ĠEWWA I-MANDAT

- Ilmenti Ammissibbli




Ilmenti Inammissibbli





2 TRASFERIMENTI U PARIRI



 Parir biex isir kuntatt mal-ombudsman jew biex issir petizzjoni lill-parlament reġjonali jew nazzjonali (616)

 Parir biex isir kuntatt mal-Kummissjoni Ewropea (189)

 Parir biex issir petizzjoni lill-Parlament Ewropew (143)

 Parir biex isir kuntatt ma' korpi oħra (341)

 **Trasferimenti (38) :**
Lill-Parlament Ewropew (6)
Lill-Kummissjoni Ewropea (7)
Lill-Ombudsman nazzjonali jew reġjonali (25)




3 TALBIET TRATTATI FL-2003

363

Fl-2003, l-Ombudsman Ewropew ittratta 363 talba, 253 talba bdew fl-2003 (ħamsa minnhom fuq inizjattiva personali) u 110 talbiet ma ngħalqux fil-31.12.2002

3.1 ISTITUZZJONIJIET U KORPI SUĠĠETTI GĦAL STHARRIG²




² Uħud mill-każijiet jikkonċernaw lil tnejn jew aktar istituzzjonijiet jew korpi.



3.2 TIP TA' AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA ALLEGATA

(F'xi każijiet, ġew allegati żewġ tipi ta' amministrazzjoni ħażina)




3.3 PROPOSTI GĦAL SOLUZZJONIJIET AMIKEVOLI U ABBOZZI TA' RAKKOMANDAZZJONIJIET MAGĦMULA FL-2003

- proposti għal soluzzjonijiet amikevoli 18
- abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet 9



3.4 TALBIET LI NGĦALQU B'DEĊIŻJONI RAĠUNATA³ 180

(Talba tista' tingħalaq għal raġuni waħda jew aktar minn dawn.)



4 L-ORIĠINI TA' L-ILMENTI REĠISTRATI FL-2003

4.1 IS-SORS TA' L-ILMENTI




³ Li minnhom tnejn kienu fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman innifsu.



4.2 L-ORĠINI ĠEOGRAFIKA TA' I-ILMENTI

Pajjiż	Numru ta' Ilmenti	ta' Ilmenti	% tal-Popolazzjoni ta' I-UE
Lussemburgu	38	2	0,1
Finlandja	88	4	1,3
Belġju	199	8	2,7
Portugall	110	5	2,6
Greċja	100	4	2,8
Spanja	284	12	10,6
Irlanda	33	1	0,9
Olanda	87	4	4,1
Awstrija	50	2	2,1
Franza	320	13	15,6
Svezja	53	2	2,4
Ġermanja	432	18	21,9
Danimarka	31	1	1,4
Italja	196	8	15,4
Renju Unit	140	6	15,7
Oħrajn	275	11	-





KIF TAGĦMEL KUNTATT MA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

BIL-POSTA

The European Ombudsman
1, avenue du Président Robert Schuman
B.P. 403
67001 Strasbourg Cedex
France

BIT-TELEFON

+33 3 88 17 2313

BIL-FAX

+33 3 88 17 9062

BL'E-MAIL

euro-ombudsman@europarl.eu.int

WEBSITE

<http://www.euro-ombudsman.eu.int>



Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Publications.eu.int

ISBN 92-95022-16-5



9 789295 102216 4

www.euro-ombudsman.eu.int